

## Il-Coronavirus: pariri prattiċi għas-sikurezza tas-safar



©DisobeyArt/Adobe Stock

©DisobeyArt/Adobe Stock

Wara lockdown li dam għaddej ix-xhur, l-ivvjaġġar u t-turiżmu reġgħu bdew bil-mod. X'tirrakkomanda l-Unjoni Ewropea biex l-ivvjaġġar isir b'mod sikur.

Hekk kif il-pajjiżi tal-UE qed ineħħu ftit ftit il-miżuri ta' konfinament, l-Ewropej x'aktarx se jkunu jistgħu jivvjaġġaw dan is-sajf, jekk is-sitwazzjoni tas-saħħha u r-restrizzjonijiet nazzjonali jiippermettu.

Filwaqt li n-nies jeħtieġ li jieħdu prekawzjonijiet u jsegwu struzzjonijiet dwar is-saħħha u s-sikurezza mill-awtoritajiet nazzjonali, il-Kummissjoni Ewropea ħarġet [linji gwida u rakkomandazzjonijiet](#) biex jgħinuk tivvjaġġa b'mod sikur:

- Re-open EU: portal bl-aħħar aġġornamenti dwar il-kundizzjonijiet tal-ivvjaġġar u l-miżuri ta' sikurezza fl-UE
- Iċ-ċertifikat COVID Diġitali tal-UE, li jiffaċilita l-ivvjaġġar sikur billi jaġhti prova li persuna tkun mlaqqma, għandha riżultat tat-test negattiv jew irkuprat mill-COVID
- Applikazzjonijiet tal-mobile għat-traċċar tal-kuntatti tal-coronavirus

## 10 rakkommandazzjonijiet għal safar bla periklu waqt il-kriżi tal-coronavirus

- Irriżerva l-biljetti u agħmel online check-in biex tevita l-kju meta jkun possibbli.
- Irrispetta d-distanzi bejnek u ġaddieħor meta tibgħat il-bagalji, waqt il-kontrolli tas-sigurtà, l-imbark u meta tiġġib il-bagalji.
- Abbord jiġi jkun permess numru inqas ta' passiġġieri u tista' tintalab tpoġġi 'I bogħod mill-passiġġieri li ma jgħixux fl-istess dar miegħek.
- Meta d-distanzi bejnek u ġaddieħor ikunu diffiċli li jinżammu, tista' tintalab tilbes maskra.
- Abbord jaf ma jkunux aktar disponibbli l-ikel, ix-xorb u oġġetti oħra.
- Il-kumpaniji tat-trasport jistgħu jinstallaw barrieri protettivi, pereżempju bejn il-passiġġieri u x-xufier. Tista' tintalab tirkeb mill-bieb ta' wara.
- Ikun tajjeb li x-xufiera, kull darba li jieqfu, jiftu awtomatikament il-bibien biex il-passiġġieri ma jkollhomx għalfejn imissu l-buttni jew il-manki.
- L-istazzjonijiet, il-portijiet u l-ajruporti għandhom jiggħarantixxu tindif u diżinfekzjoni regolari u jipprovdu prodotti sanitizzanti/diżinfettanti anki abbord.
- Għandu jkun hemm ventilazzjoni adegwata fil-mezzi kollha tat-trasport.
- Il-passiġġieri jistgħu jagħżlu bejn rimborż jew rott alternattiva għall-biljetti kkanċellati. Jekk il-kumpanija tat-trasport toffri vawċer, xorta għandek id-dritt titlob rimborż.

Il-Parlament ilu jinsisti minn Marzu 2020 fuq [azzjoni b'saħħitha u koordinata tal-UE biex tingħebleb il-kriżi fis-settur tat-turiżmu](#), meta appella għal [strateġija Ewropea ġidida biex it-turiżmu jsir aktar nadif, aktar sikur u aktar sostenibbli](#) kif ukoll biex jiġi meghħjun jerġa' lura fuq saqajh wara l-pandemija.

*Skopri aktar dwar x'qed tagħmel l-UE fil-ġlied kontra l-coronavirus*



## L-Ewropa tħejji għas-sajf

[https://multimedia.europarl.europa.eu/en/europe-prepares-for-summer\\_N01-PUB-200528-TOUR\\_ev](https://multimedia.europarl.europa.eu/en/europe-prepares-for-summer_N01-PUB-200528-TOUR_ev)

## AKTAR INFORMAZZJONI

Stqarrija għall-istampa: il-Kumitat TRAN jilqa' l-pakkett tal-Kummissjoni biex tingħeleg il-kriżi tal-COVID-19 (13 ta' Mejju 2020)

Briefing: il-Covid-19 u s-settur tat-turiżmu

Vidjokonferenza tal-ministri għat-turiżmu (20 ta' Mejju 2020)

Kummissjoni Ewropea: il-pakkett dwar it-turiżmu u t-trasport

Kummissjoni Ewropea: gwida prattika għall-vjaġġaturi u għall-operaturi

Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u I-Kontroll tal-Mard